# Ċ 4.2 IL-ĦAJJA FIL-BELT JEW RAĦAL TAGĦNA



**Ċ4.2.4**

Nikklassifikaw l-attivitajiet li jsiru fil-belt jew raħal tagħna f'attivitajiet a) reliġjużi u b) ta' natura ċivika



## A. Aqra dan li ġej

Daniela għandha disa' snin u ħuha David għandu 12-il sena. Huma jħobbu ħafna jkunu attivi u għalhekk jipparteċipaw kważi fl-attivitajiet kollha li jiġu organizzati u li fihom jistgħu jieħdu sehem it-tfal.

Daniela u David joqogħdu Ħal Tartarni, raħal ta' madwar 4,000 ruħ. Kull sena il-Kunsill Lokali jorganizza bosta attivitajiet biex jiġi ċċelebrat Jum Ħal Tartarni. Iċ-ċelebrazzjonijiet jilħqu l-aqwa tagħhom fl-ewwel Ħadd ta' Mejju. Għal din is-sena ġew organizzati *sports rally* għat-tfal, kompetizzjoni tal-inbid għall-kbar u kunċert mużikali fis-sala tal-iskola għal kulħadd. Daniela u David it-tnejn ħadu sehem fl-*isports rally*. Waqt il-kunċert Daniela kantat mal-kor tat-tfal tella' żewġ songs mill-film *The Sound of Music*.

Iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Ħal Tartarni bdew b'quddiesa fil-knisja parrokkjali. Daniel libes abbati. Wara l-quddiesa l-iscouts tar-raħal u l-banda daru mat-toroq tar-raħal f'atmosfera sabiħa ta' festa.



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Meta jiġi ċċelebrat Jum Ħal Tartarni?

___

___

2. Min jorganizza ċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Ħal Tartarni?

___

___

3. Semmi attività li ġiet organizzata għall-kbar.

___

___

4. Semmi żewġ attivitajiet li fihom ħadet sehem Daniela.

   a) ___

   b) ___

5. Semmi żewġ attivitajiet li fihom ħa sehem David:

   a) ___

   b) ___

6. David libes abbati f'attività reliġjuża. X'kienet l-attività?

___

___

7. Daniela ħadet sehem fl-*isports rally*. Din l-attività nistgħu nsejħulha attività ċivili. Semmi attività oħra msemmija fl-istorja li hija attività ċivila.

___

___

**B. Ikteb (R) ħdejn l-attivitajiet RELIĠJUŻI u (Ċ) ħdejn l-attivitajiet ĊIVILI.**

| | R jew Ċ |
|---|---|
| 1. Indoqq mal-Iscouts | |
| 2. Indoqq il-kurunetta mal-banda tar-raħal | |
| 3. Ngħin il-quddies bħala abbati | |
| 4. Nilgħab fit-tim tan-nursery | |
| 5. Nattendi għall-katekiżmu l-Mużew | |
| 6. Nattendi camping mal-Iscouts | |
| 7. Nieħu sehem fi *sports rally* | |
| 8. Inkanta mal-kor tal-iskola | |
| 9. Indoqq il-kitarra waqt il-quddies | |
| 10. Nieħu sehem fid-Drama Group | |
| 11. Dħalt fit-tim tal-basketball | |
| 12. Immur nitgħallem il-vjolin | |

**Ċ. Niddiskutu.**

- Min jorganizza l-attivitajiet fil-belt/ raħal tiegħek?
- X'attivitajiet ġew organizzati fil-belt/ raħal tiegħek?
- Inti tipparteċipa f'dawn l-attivitajiet?
- X'joġgħbok fihom?
- Hemm xi ħaġa li ddejqek?
- X'attività tixtieq li jorganizzaw fil-belt/ raħal tiegħek?

